MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 141/2013

**Ivan Pace**

**-vs-**

**Michelina *sive* Michelle Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fil-11 ta' Frar 2013 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 26 ta' Ġunju 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Silvana Borg Caruana (Dok A) il-partijiet isseparaw legalment minn xulxin.

Illi skond il-klawsola tnax (12) tal-istess kuntratt il-konvenuta ngħatat id-dritt li tokkupa esklussivament u gratwitament il-fond li kien id-dar matrimonjali tal-partijiet, ċjoe' l-*maisonette* (bil-*garage* sottostanti) bl-isem 'Casa

Ivelle’ fi Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, liema dritt kellu jispiċċa awtomatikament jew fi żmien sena minn mindu l-konvenuta tmur tirrisjedi band’oħra jew meta t-tifel minuri tal-partijiet, Sean Pace, jagħlaq ħdax-il sena (11), skond liema waħda minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruħha l-ewwel.

Illi skond is-sub-paragrafu (xi) tal-istess klawsola numru tnax (12) il-partijiet kienu ftehmu li wara li l-mara tivvaka mill-imsemmi fond skond it-termini l-oħra tal-istess klawsola, ħadd mill-partijiet ma seta’ jokkupa l-imsemmi fond.

Illi l-konvenuta għadha sal-lum tokkupa esklussivament l-imsemmi fond minkejja li t-tifel minuri Sean Pace għandu ħmistax-il sena (15) (Dok B).

Illi minkejja li l-konvenuta ġiet interpellata b’ittra uffiċjali datata 16 ta’ Ġunju 2011 sabiex tiżgombra mill-imsemmi fond (Dok C) hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

RAĠUNI TAL-TALBA

Illi l-partijiet isseparaw legalment b’kuntratt datat 26 ta’ Ġunju 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Silvana Borg Caruana (Dok A);

Illi skond il-klawsola tnax (12) tal-istess kuntratt il-konvenuta ngħatat id-dritt li tokkupa esklussivament u gratwitament il-fond li kien id-dar matrimonjali tal-partijiet, ċjoe’ l-*maisonette* (bil-*garage* sottostanti) bl-isem ‘Casa Ivelle’ fi Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, liema dritt kellu jispiċċa awtomatikament jew fi żmien sena minn mindu l-konvenuta tmur tirrisjedi band’oħra jew meta t-tifel minuri tal-partijiet, Sean Pace, jagħlaq ħdax-il sena (11), skond liem’ waħda minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruħha l-ewwel;

Illi skond is-sub-paragrafu (xi) tal-istess klawsola numru tnax (12) il-partijiet kienu ftehmu li wara li l-mara tivvaka mill-imsemmi fond skond it-termini l-oħra tal-istess

klawsola, ħadd mill-partijiet ma seta' jokkupa l-imsemmi fond.

Illi l-konvenuta għadha sal-lum tokkupa esklussivament l-imsemmi fond minkejja li t-tifel minuri Sean Pace għandu ħmistax-il sena (15) (Dok B) u għalhekk baqgħet tokkupah abbusivament u kontra dak patwit fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

Illi minkejja li l-konvenuta ġiet interpellata b'ittra uffiċjali datata 16 ta' Ġunju 2011 sabiex tiżgombra mill-imsemmi fond (Dok C) hija baqgħet inadempjenti;

Illi l-attur jikkonferma bil-ġurament li l-konvenuta ma għandha ebda dritt li tkompli tokkupa l-istess proprjeta' għaliex dan hu kontra dak pattwit bejniethom fil-kuntratt ta' separazzjoni (Dok D).

TALBIET

Illi tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) *in vista* tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa (Dok D).

2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju tiżgombra mill-fond 'Casa Ivelle' fi Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, liema fond hija qed tokkupah bi ksur tas-sub-paragrafu (xi) tal-klawsola tnax (12) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq riferit.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 16 ta' Ġunju 2011 kontra l-konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuta biex tikkontesta l-kawża peress li l-

istess Qorti dehrilha li ma kellhiex eċċezzjonijiet validi xi tressaq.

**Għaldaqstant in vista tal-premess il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' erba' xhur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------